# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn hdax (11) ta' Lulju 2016**

**Rikors Numru 61/16 FDP**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 511/16 fl-ismijiet**

**J Zammit Limited**
**(C 37945)**

**vs**

**Jonathan Saliba (ID 392092M)**
**u**
**Kevin Schembri (ID 28083M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ta' Jonathan Saliba u Kevin Schembri ippresentat fis 17 ta' Marzu 2016 fejn ir-rikorrenti, filwaqt illi ghamlu referenza ghall-Mandat ta' Sekwestru fil-valur ta' €6,524 stqarrew illi sar ukoll Mandat ta' Qbid 509/16 fil-konfront ta' vettura Toyota Celica li dwarha saret Ittra Ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A ghall-hlas taghha, fejn l-istess vettura gie elevata mis-socjeta rikorrenti J Zammit Limited.

Ir-rikorrenti kkontendew illi l-pretensjoni tas-socjeta rikorrenti hija issa koperta bil-vettura hekk elevata u ghalhekk talbu illi, a tenur tal-Artikolu 836 (1) (c) u (e) tal-Kap 12 thassar l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru jew inkella, a tenur tal-Artikolu 382 (1) ta' l-istess Kap, tordna illi l-mandat ma jkollux effett fuq l-ewwel €698.81 tal-paga mensili taghhom b'effett mill-14 ta' Marzu 2016.

Rat ir-risposta tas-socjeta rikorrenti fejn, oggezzjonat ghat-talba kif maghmulha, stante illi sahqet illi ma hemm ebda certezza illi l-Mandat ta' Qbid ser jikkawtela l-kreditu kollu lilha dovut filwaqt illi dwar it-talba li saret a tenur tal-Artikolu 382 (1) tal-Kap 12, sahqet illi hija ma ghamlet ebda mandat f'idejn min ihaddem lir-rikorrenti Jonathan Saliba u Kevin Schembri, izda ghamlet tali mandat unikament fuq il-kontijiet bankarji ta' l-istess, u ghalhekk tali limitazzjoni ma hijex applikabbli fil-kaz odjern.

Rat illi, nelfrattemp, saret kawza fl-ismijiet J Zammit Limited vs Jonathan Saliba et, Rikors Nru 81/16 FDP, liema kawza qieghda tinstema minn dina l-Qorti kif ppresjeduta.

Semghet ix-xhieda ta' **Kevin Schembri** u **James Zammit** moghtija quddiem dina l-Qorti fis 7 ta' Lulju 2016.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fis 7 ta' Lulju 2016, wara liema data il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi s-socjeta J Zammit Limited qieghda tippretendi l-hlas tas-somma ta' €6,524 minghand l-intimati bhala bilanc tal-prezz tal-vettura Toyota Celica mixtrija minghanr is-socjeta J Zammit Limited mill-istess intimati Kevin Schembri u James Zammit.

Jirrizulta illi l-vettura, maqbuda mis-socjeta rikorrenti, qieghda tinzammu ghand konsenjatarju u r-rappresentant tas-socjeta J Zammit Limited vvaluta tali vettura fis-somma ta' elfejn Euro (€2,000).

Jirrizulta illi l-valur ta' tali vettura, aktar ma jghaddi z-zmien, aktar ser jonqos, u l-intimati qieghdin jikkontestaw il-kawza fuq imsemmija intavolata mis-socjeta J Zammit Limited, bir-rizultat illi l-valur tal-vettura jista jonqos ferm aktar qabel mal-kawza tigi hekk deciza.

Jirrizulta wkoll illi s-socjeta J Zammit Limited ezegwiet il-Mandat ta' Sekwestru meritu tal-kawza odjerna f'idejn hames banek lokali, ossija HSBC Bank Malta plc, Bank of Valletta plc, Lombard Bank Malta plc, Banif Bank (Malta) plc u APS Bank Limited u tali Mandat ma giex ezegwit f'idejn min ihaddem lir-rikorrenti Kevin Schembri u James Zammit.

Jirrizulta, ghalhekk, illi dak stabbilit fl-Artikolu 382 (1) tal-Kap 12 ma tapplikax ghal kaz odjern, stante illi dina tapplika ghal paga li jippercepixxu r-rikorrenti u, la darba tali paga tintbghat direttament il-Bank, il-protezzjoni stabbilita fl-artikolu tal-Ligi fuq indikat ma japplikax peress illi tali flejjes huma suggetti ghal Mandat ta' Sekwestru.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti, wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, tghaddi biex tichad it-talba tar-rikorrenti kif dedotta.

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu a kariku tar-rikorrenti Kevin Schembri u Jonathan Saliba in solidum bejniethom.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur